# LECTIO DIVINA

# TLUGĦ IL-MULEJ FIS-SEMA (C)

## Lq 24,45-53

### “Intom xhud ta’ dan!”

Fil-vers 45, li mhux fil-qari tas-silta liturġika tal-lum, Luqa, waqt li jirrakkonta d-dehra ta’ Kristu Rxoxt lid-dixxipli tiegħu, jagħtina dettall importanti ħafna biex nifhmu din is-silta: **“Imbagħad fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura”**. Kif għamel mad-dixxipli ta’ Għemmaws tul it-triq billi fissrilhom l-Iskrittura, hekk ukoll jagħmel magħna. Huwa Kristu li jiftaħ il-qalb tal-bniedem u li bil-qawwa tal-Ispirtu jwassalna għall-għarfien tiegħu fil-Kelma u fl-Ewkaristija (ara Lq 24,25-34).

**“Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet”:** Il-qofol tal-**Kerygma**, li biha l-bniedem jakkwista s-salvazzjoni, hu frott it-tbatija, il-mewt u l-qawmien u l-glorja ta’ Kristu fis-Sema. Mit-Tbatija li hija frott l-imħabba ta’ Alla lejn il-bniedem toħroġ il-Ħajja! “U ma kellux il-Messija jgħaddi minn dawn il-ħwejjeġ u hekk jidħol fil-glorja tiegħu” (24,26).

**“L-indiema għall-maħfra tad-dnubiet”:** Dan il-vers huwa marbut mal-vers 46: Hekk hemm miktub: il-Kelma ta’ Alla mxandra li tinżel fil-qalb tal-bniedem twassal għall-*metanoia*, il-bidla fil-qalb, il-konverżjoni. Hekk il-bniedem jakkwista l-maħfra tad-dnubiet. “Is-Saltna ta’ Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba” (Mk 1,15). Għal Luqa dan ifisser bidla sħiħa fil-bniedem sħiħ, bidla fil-moħħ, fil-qalb u fl-għemil. **Indiema** u **maħfra** huma dejjem marbuta flimkien fil-Vanġelu ta’ Luqa u fl-Atti. “Il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lill-Appostli l-oħra: ‘L-aħwa, x’għandna nagħmlu aħna?’. U Pietru weġibhom: ‘Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta’ Ġesù Kristu għall-maħfra ta’ dnubietkom’” (Atti 2,37-38). **Il-konverżjoni** hija dejjem frott tas-smigħ tal-Kelma ta’ Alla, tal-Kerygma li tinfed il-mudullun, bħal xafra li taqta’ minn żewġ naħat (ara Lhud 4,12). Is-sejf li jinfed il-qalb ta’ Marija meta Ġesù ser ikun “sinjal li jmeruh” (3,34), turija li l-kelma

tiegħu mhix milqugħa.

**"Lill-ġnus kollha":** Kif rajna, maħfra u konverżjoni huma marbuta mas-smigħ tal-Kelma, kelma li trid titwassal lill-bnedmin kollha. Hawn Ġesù qed jagħti programm lill-Knisja: xandir tal-Kelma lid-dinja kollha u dan iwassal għall-konverżjoni: "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28,19-20).

**"Intom xhud ta' dan":** Id-dixxipli, dawk li semgħu, laqgħu l-Kelma, li miegħu ltaqgħu wara li qam mill-imwiet, issa huma msejħa xhieda (martri). Dawk li l-kelma tal-Imgħallem tinsab f'qalbhom, saret ħaġa waħda ma' ħajjithom u għalhekk jgħixu din il-kelma sal-aħħar, anki sal-mewt, anzi l-mewt issir għalihom turija (xhieda) tal-imħabba tagħhom lejn l-Imgħallem. Huwa b'dan il-mod, bil-ħajja tiegħek ta' kuljum li inti tista' tkun xhud ta' dak li temmen.

**"U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu":** Biex id-dixxiplu jkun xhud tassew għandu bżonn il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. "Meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa u tkunu xhieda tiegħi f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art" (Atti 1,8). Id-dgħufija tad-dixxpli (li ħarbu u beżgħu) issa tkun il-post fejn tintwera l-qawwa ta' Alla: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef" (2 Kor 12,9).

**"Nibgħat fuqkom":** Kristu minn fuq is-Salib jonfoħ in-nifs tiegħu, mejjel rasu u radd ruħu (Ġw 19,30). Issa Kristu Rxoxt jibgħat l-Ispirtu fuq id-dixxipli tiegħu, l-Ispirtu li ġej mill-Missier, li hu l-għajn ta' kollox: "Issa li Alla għollieh bil-leminija tiegħu, huwa rċieva mingħand il-Missier l-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed, u sawbu fuqna, kif qegħdin taraw u tisimgħu" (Atti 2,33). Tmorrux tipprietkaw, ixxandru l-Kelma qabel ma tirċievu l-qawwa tal-Ispirtu.

**L-Ispirtu** li niżel fuq Marija (ara Lq 1,36), u b'hekk il-Kelma ta' Alla inkarnat f'ġufha, issa jinżel fuq id-dixxipli miġbura flimkien biex ikomplu jinkarnaw il-Kelma fil-qalb tal-popli kollha (ara Atti 1,8; 2,1ff). Dak li nbeda f'Nazareth permezz ta' Marija issa jitkompla permezz tad-dixxipli f'Ġerusalemm u fid-dinja kollha. Kemm hija ħaġa sabiħa li nżommu dan

f'qalbna! Qabel tmur biex tiżra' l-Kelma ta' Alla, itlob il-qawwa tal-Ispirtu, għaliex mingħajr l-Ispirtu dik il-kelma hija waħda vojta!

**"Imbagħad ħadhom sa ħdejn Betanja, u rafa' jdejh u berikhom. U ġara li, huwa u jberikhom, infired minnhom u kien meħud fis-Sema".**

**"Betanja":** Hija l-belt minn fejn jgħaddi għal Ġerusalemm, fejn jibda u jintemm kollox. Il-belt li tinsab in-naħa tal-lvant minn fejn għad jerġa' jiġi fit-tieni miġja tiegħu: "U l-glorja tal-Mulej tqanqlet minn nofs il-belt, u marret qagħdet fuq l-għolja n-naħa tal-lvant tal-belt" (Eżek 11,23).

**"Rafa' jdejh u berikhom":** Hawn għandna azzjoni, ġest liturġiku: hekk għamel Xmun il-Qassis il-Kbir, naqraw fil-ktieb tal-Levitiku: "Xmun kien jgħolli jdejh fuq il-ġemgħa kollha ta' wlied Iżrael biex minn fommu jagħtihom il-barka tal-Mulej, imkabbar b'isem il-Mulej" (50,20). L-istess jagħmel Xmun lil Marija u lil Ġużeppi wara li hu jieħu f'dirgħajh lit-tarbija Ġesù. Issa huwa Kristu, il-Qassis il-Kbir, it-Tempju ta' Alla l-ħaj li jbierek lid-dixxipli tiegħu. Dan kollu juri relazzjoni ġdida bejn Kristu u l-Knisja tiegħu.

**"Kien meħud fis-Sema":** Ma jfissirx li għadda mill-preżenza għall-assenza, iżda li għandna preżenza spiritwali reali. Ġesù jibqa' viċin id-dixxipli tiegħu, għaliex hu r-Ras tal-Ġisem li hu l-Knisja (ara Kol 1,17-19).

**"Huma nxteħtu fl-art jagħtuh qima, u mimlijin b'ferħ kbir reġgħu lura lejn Ġerusalemm":** Wara li ġie meħud, id-dixxipli jinxteħtu fl-art iqimuh. L-adorazzjoni hi att ta' qima riservata għal Alla. Tadura jfisser turi mħabba lejn dak li inti rċivejt l-imħabba mingħandu!

Din l-adorazzjoni **timliehom b'ferħ kbir:** Luqa fil-Vanġelu tiegħu darbtejn jitkellem fuq ferħ kbir b'rabta mal-Bxara t-Tajba: l-ewwel fl-aħbar li l-anġlu jwassal lir-ragħajja għat-twelid tas-Salvatur (ara 2,10), u reġgħu lura jfaħħru lil Alla għal dak li kienu raw; issa fit-Tlugħ tiegħu fis-Sema. Ferħ li huwa marbut mal-preżenza tal-Messija fid-dinja, għaliex issa Kristu jinsab fostna bi preżenza ħajja, liturġika frott il-qawmien tiegħu u l-għaqda tiegħu mal-Missier. Dan huwa l-ferħ ta' dawk li jemmnu, tal-komunità l-ġdida ta' Ġesù: "U kuljum kienu jmorru fit-Tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja; u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom. U minn jum għal ieħor il-Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi" (Atti 2,46-47). Dan il-ferħ isib il-qofol tiegħu

f'Ġerusalemm nhar Pentekoste u jinfirex fl-art kollha.

**"U qagħdu l-ħin kollu fit-Tempju jbierku lil Alla":** It-tifħir lil Alla fih il-qawwa tal-ħolqien kollu, aktar u aktar juri l-kobor tal-bniedem fil-mixja tiegħu ta' kuljum: "Is-smewwiet ixandru l-glorja ta' Alla, għemil idejh tħabbar il-firxa tas-sema" (Salm 19,2). Hija azzjoni tal-bniedem li tgħolli lill-bniedem li jagħraf l-imħabba ta' Alla: "Faħħru lill-Mulej għaliex u tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu" (Salm 118,1).

**Fit-Tempju:** Il-Vanġelu ta' Luqa jibda fit-Tempju (Żakkarija) u issa jispiċċa fit-Tempju. It-Tempju huwa l-post fejn jgħammar Alla mal-poplu tiegħu. Issa d-dixxipli jidħlu fit-Tempju u huma stess isiru t-Tempju ħaj ta' Alla, li fihom huwa jgħammar bil-qawwa tal-Ispirtu. Kull azzjoni tagħna għandha tibda fit-Tempju u tispiċċa fit-Tempju:

> Ħaġa waħda tlabt lill-Mulej, ħaġa waħda nfittex:
> li ngħammar f'dar il-Mulej
> tul il-jiem kollha ta' ħajti;
> biex nitgħaxxaq bil-ħlewwa tal-Mulej
> jien u nħares lejn it-Tempju tiegħu (Salm 27,4).